BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

# STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**24 TA' DIĊEMBRU 2014**

**ĦARĠA NRU 09/2014**

**SETTEMBRU 2014**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar l-iżviluppi monetarji għax-xahar ta' Settembru 2014.

## Depożiti ta' residenti f'Malta

Matul ix-xahar ta' Settembru, id-depożiti ta' residenti f'Malta miżmuma ma' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta żdiedu b'€132.0 miljun, jew b'1.1% (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti rpiljat għal 14.4% minn 13.2% f'Awwissu (ara Grafika 1).

It-tkabbir fid-depożiti seħħ kompletament minħabba l-bilanċi tad-depożiti *overnight*, li żdiedu b'€276.6 miljun, jew bi 3.8%. Il-biċċa l-kbira taż-żieda kienet fid-depożiti tal-individwi, li rriflettiet parzjalment il-fidi ta' *bond* maħruġa minn kumpanija matul ix-xahar, kif ukoll tnaqqis fid-depożiti fuq żmien itwal. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti *overnight* aċċellerat għal 20.4% minn 15.5% fix-xahar ta' qabel.

B'kuntrarju għal dan, kien hemm tnaqqis ta' €136.8 miljun, jew ta' 3.3%, fid-depożiti li ntrabtu sa sentejn. Kien hemm tnaqqis fid-depożiti tal-kumpaniji privati mhux finanzjarji, li parzjalment reġġa' lura ż-żieda tax-xahar ta' qabel; kien hemm tnaqqis ukoll fid-depożiti tal-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Dawn iż-żewġ komponenti ammontaw għall-biċċa l-kbira tat-tnaqqis totali. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti battiet għal 4.9% minn 9.4% f'Awwissu. Fl-istess waqt, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur naqsu b'€7.7 miljun, jew b'6.4%, minħabba tnaqqis fil-bilanċi tal-individwi.

## Kreditu mogħti lil residenti f'Malta

F'Settembru, il-kreditu mogħti lil residenti f'Malta naqas bi ftit, bi €3.5 miljun, hekk kif tnaqqis fil-kreditu mogħti lill-gvern ġenerali għeleb żieda fil-kreditu lil residenti oħra. B'riżultat ta' dan, il-kreditu naqas bi 3.4% sena fuq sena, wara tnaqqis ta' 2.8% fix-xahar ta' qabel (ara Grafika 2).

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas bi €23.8 miljun, jew b'0.9%, hekk kif tnaqqis fl-ammonti ta' *bills* tat-Teżor miżmuma mill-IFM għeleb żieda fl-ammonti ta' *bonds* tal-Gvern ta' Malta miżmuma minnhom. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet ħafna għal 0.9% minn 5.2% fix-xahar ta' qabel.



**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

Sadattant, il-kreditu lir-residenti l-oħra kollha żdied b'€20.3 miljun, jew b'0.2%, wara żieda fis-self mogħti lill-individwi, l-aktar għax-xiri tad-djar. Il-kreditu mogħti lill-kumpaniji privati mhux finanzjarji żdied ukoll f'numru ta' setturi. Minħabba f'hekk, il-kreditu lill-kategorija ta' residenti oħra naqas b'rata annwali inqas mgħaġġla ta' 4.6% f'Settembru, wara tnaqqis ta' 5.0% f'Awwissu.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin naqsu b'€46.9 miljun, jew b'0.6%, f'Settembru hekk kif żieda sostanzjali fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin kienet akbar minn żieda fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barranin (ara Tabella 1).[1] L-obbligazzjonijiet ta' residenti barranin żdiedu wara żidiet fl-ammonti miżmuma mill-IFM ta' titoli maħruġa minn residenti barranin u fid-depożiti miżmuma ma' banek barra minn Malta. Madankollu, l-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin żdiedu bi grad akbar, l-aktar minħabba li kien hemm żieda fid-depożiti tar-residenti barranin miżmuma ma' banek residenti f'Malta. L-assi barranin netti komplew jonqsu fuq bażi annwali peress li numru ta' banek internazzjonali naqqsu l-operazzjonijiet tagħhom aktar kmieni matul is-sena, skont l-istrateġiji tagħhom ta' ristrutturar.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Settembru, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM fuq id-depożiti kollha denominati f'euro tal-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta naqset b'ħames punti bażi għal 1.14%. Bl-istess mod, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta naqset għal 4.06% minn 4.09% fix-xahar ta' qabel.

B'hekk, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet 27 punt bażi inqas meta mqabbla ma' sena qabel, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self kienet 24 punt bażi inqas. Dan irriżulta f'żieda żgħira fid-differenza bejn ir-rata tas-self u dik tad-depożitu.

## Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji taż-żona tal-euro

Il-kontribuzzjoni tal-IFM residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'€170.9 miljun, jew b'1.3%, f'Settembru għal €13.7 biljun (ara Tabella 2). B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali telgħet għal 13.4% minn 12.1% xahar qabel.

It-tkabbir seħħ kompletament minħabba l-komponent monetarju ristrett (M1). Dan żdied b'€293.4 miljun, jew bi 3.5%, matul ix-xahar, hekk kif żdiedu d-depożiti *overnight* u l-flus maħruġa. Id-depożiti *overnight* żdiedu b'€291.3 miljun, jew bi 3.9%, minħabba żieda fil-bilanċi tal-individwi u tal-kumpaniji privati mhux finanzjarji. Fl-istess waqt, il-flus maħruġa żdiedu bi €2.1 miljun, jew b'0.3%. Għalhekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 aċċellerat għal 19.1% minn 15.1% xahar qabel.

Min-naħa l-oħra, id-depożiti li ntrabtu sa sentejn, li flimkien mal-M1 jagħmlu parti mill-komponent monetarju intermedju (M2), naqsu b'€114.9 miljun, jew bi 2.3%. Dan

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' IFM residenti f'Malta fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

**Bank Ċentrali ta' Malta**
Dipartiment tal-Komunikazzjoni
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

it-tnaqqis seħħ l-aktar minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u kumpaniji mhux finanzjarji. Sadattant, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, naqsu b'€7.7 miljun, jew b'6.4%, skont it-tnaqqis fil-bilanċi tar-residenti kif spjegat iktar 'il fuq.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lil residenti taż-żona tal-euro żdied b'€216.2 miljun, jew b'1.4%, minħabba żieda fil-kreditu mogħti lill-gvern u lil setturi oħra. Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b'€145.7 miljun, jew bi 3.7%, minħabba żieda fl-ammonti miżmuma mill-IFM ta' titoli maħruġa minn gvernijiet oħra taż-żona tal-euro. Fl-istess waqt, il-kreditu mogħti lil setturi oħra żdied b'€70.4 miljun, jew b'0.6%, minħabba żieda fis-self mogħti lil kumpaniji privati mhux finanzjarji, speċjalment dawk residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro, u lill-individwi.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tinkludi tranżazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet b'€565.4 miljun, jew b'6.3%, hekk kif iż-żieda fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barranin għelbet żieda fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin. Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barranin seħħet primarjament minħabba żieda fl-ammonti ta' titoli miżmuma, partikolarment dawk maħruġa minn IFM oħrajn. B'kuntrarju għal dan, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin seħħet l-aktar minħabba d-depożiti ta' residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro.

Il-kategorija "il-kontropartijiet l-oħra", li taħdem bil-maqlub tal-M3, żdiedet b'€610.7 miljun, jew b'5.7%, minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet (*liabilities*) oħra (netti). Dawn tal-aħħar żdiedu b'€786.5 miljun, jew b'26.1%, wara żieda fl-obbligazzjonijiet lejn IFM oħrajn taż-żona tal-euro, inklużi l-obbligazzjonijiet lejn l-Eurosistema. B'kuntrarju għal dan, l-obbligazzjonijiet lejn il-gvern ċentrali naqsu b'€105.0 miljun u parzjalment reġġgħu lura ż-żieda tax-xahar ta' qabel, filwaqt li l-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal naqsu b'€70.8 miljun wara tnaqqis fid-depożiti fuq żmien itwal, partikolarment dawk tal-individwi, flimkien ma' tnaqqis fir-riżervi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

**Bank Ċentrali ta' Malta**
Dipartiment tal-Komunikazzjoni
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*EUR miljuni*

| | Set-14 | Aww-14 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Set-13 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Set-14 | Aww-14 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **11,763.7** | **11,631.7** | **132.0** | **1.1** | **10,282.3** | **14.4** | **13.2** |
| Depożiti *overnight* | 7,590.0 | 7,313.5 | 276.6 | 3.8 | 6,301.7 | 20.4 | 15.5 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 113.5 | 121.2 | -7.7 | -6.4 | 111.9 | 1.4 | 7.8 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 4,060.2 | 4,197.0 | -136.8 | -3.3 | 3,868.8 | 4.9 | 9.4 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,848.8** | **11,852.3** | **-3.5** | **0.0** | **12,267.6** | **-3.4** | **-2.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,690.8 | 2,714.7 | -23.8 | -0.9 | 2,665.5 | 0.9 | 5.2 |
| Self lil setturi oħra | 9,158.0 | 9,137.7 | 20.3 | 0.2 | 9,602.1 | -4.6 | -5.0 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **8,198.8** | **8,245.7** | **-46.9** | **-0.6** | **11,638.4** | **-29.6** | **-27.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 41,625.5 | 40,230.8 | 1,394.7 | 3.5 | 44,379.8 | -6.2 | -10.6 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 33,426.7 | 31,985.1 | 1,441.6 | 4.5 | 32,741.3 | 2.1 | -4.9 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[(1)(2)]

*EUR miljuni*

| | Set-14 | Aww-14 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Set-13 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Set-14 | Aww-14 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI[(3)]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **8,635.3** | **8,341.9** | **293.4** | **3.5** | **7,248.5** | **19.1** | **15.1** |
| Flus maħruġa[(4)] | 810.7 | 808.6 | 2.1 | 0.3 | 761.2 | 6.5 | 7.0 |
| Depożiti *overnight*[(5)] | 7,824.6 | 7,533.3 | 291.3 | 3.9 | 6,487.3 | 20.6 | 16.0 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **13,532.1** | **13,361.3** | **170.8** | **1.3** | **11,823.6** | **14.4** | **13.2** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 8,635.3 | 8,341.9 | 293.4 | 3.5 | 7,248.5 | 19.1 | 15.1 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(5)] | 113.5 | 121.2 | -7.7 | -6.4 | 111.9 | 1.4 | 7.8 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(5)] | 4,783.2 | 4,898.1 | -114.9 | -2.3 | 4,463.2 | 7.2 | 10.4 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **13,653.7** | **13,482.8** | **170.9** | **1.3** | **12,045.6** | **13.4** | **12.1** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 13,532.1 | 13,361.3 | 170.8 | 1.3 | 11,823.6 | 14.4 | 13.2 |
| Titoli negozjabbli[(6)] | 121.7 | 121.5 | 0.1 | 0.1 | 222.0 | -45.2 | -46.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,497.4** | **15,281.3** | **216.2** | **1.4** | **16,054.3** | **-3.5** | **-4.6** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,105.7 | 3,960.0 | 145.7 | 3.7 | 4,103.6 | 0.1 | -1.6 |
| Self lil setturi oħra | 11,391.7 | 11,321.3 | 70.4 | 0.6 | 11,950.7 | -4.7 | -5.6 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **9,503.9** | **8,938.5** | **565.4** | **6.3** | **12,158.7** | **-21.8** | **-15.4** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 32,086.2 | 31,104.9 | 981.3 | 3.2 | 34,716.4 | -7.6 | -9.7 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 22,582.3 | 22,166.4 | 415.9 | 1.9 | 22,557.7 | 0.1 | -7.2 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **11,347.7** | **10,736.9** | **610.7** | **5.7** | **16,167.5** | **-29.8** | **-26.3** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 620.6 | 725.7 | -105.0 | -14.5 | 691.5 | -10.2 | -1.1 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6,928.0 | 6,998.8 | -70.8 | -1.0 | 11,951.5 | -42.0 | -40.4 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 3,799.0 | 3,012.4 | 786.5 | 26.1 | 3,524.5 | 7.8 | 45.1 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**

**Tkabbir f'depożiti magħżula ta' residenti Maltin inklużi fl-M3**

*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

## Grafika 2
## Kreditu lir-residenti Maltin
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.